


# L-Aspett tas-saħħa f' Ħal-Qormi fi żmien l-Ospidallieri

minn Edward Montebello

L-ordni ta' San Ġwann f'Ġerusalem kien beda bħala ordni ta' Ospidallieri fir-rwol oriġinali tiegħu. Diversi pelligrini li kienu jżuru il-Belt qaddisa' fil-Palestina' kien ikollhom bżonn l-għajnuna, l-ordni aktar tard ukoll żied l-irwoli tiegħu u nsibuh ukoll għal żmien twil f'kunflitt ma' l-imperu Ottoman. L-ordni f'Malta ta l-importanza' tiegħu lis-saħħa peress li l-gżira kienet tbati ħafna minn diversi mard speċjalment fix-xhur tas-sajf. Ħal-Qormi kien ikkaratterizzat minn ilma qiegħed li dan kien kapaċi joħloq mard lill-komunita' ta' dak iż-żmien.

Huwa diffiċli ħafna li tgħid eżatt x'kienu ċertu mard, li hu żgur li nsibu ismijiet ta' mard bħal 'aria cattiva' jew infezione dell'aria che cagione gravissimi morbi. *(Qormi 1530-1798 side lights on its social history, George Abela, pg 14)*

L-ordni kien ta attenzjoni speċjali lil Ħal Qormi minħabba dan il-mard u ta' spiss kien jibgħat kummissjonijiet biex jaraw l-qagħda' tar-raħal fl-aspett tas-saħħa. Il-kummissjoni kienet toħroġ b'rapport li imbagħad kien l-Gran Mastru li jrid japprovah. Minn hemmhekk ir-riżultat ikun dak li kienu jsejħulu l-'bandi', li kienu miżuri li jekk ma tobdiehomx, il-konsegwenzi kienu sanzjonijiet. Il-'bando' kien moqri lill-komunita' tar-raħal f'post ċentrali f'xi pjazza u kien ikun hemm xi ħadd li jdoqq it-tanbur biex jagħti sinjal li l-'bando' se jinqara. F'diversi 'bandi' li jitkellmu dwar Ħal Qormi nsibu dwar l-ġibjuni u l-bjar li kienu magħrufin bħala 'gebie' u siene'. Ibid pg 15



Missier l-istorja' Gian Franġisk Abela fl- 1647 jagħti deskrizzjoni ta' Ħal Qormi billi jgħid li r-raħal kellu l-ġonna u ammont ta' siġar fil-widien tiegħu magħrufin bħala Wied is-Sewda' u Wied il-Kbir. Ħal Qormi kellu ammont ta' ilma' frisk u mdawwar bir-raddieni ta' l-ilma' għat-tisqija'.

Taħt l-Granmastru Lascaris fl- 1648 ħarġet liġi li kienet tgħid li l-bjar kellhom jiġu magħluqa għal madwar ħmistax l-ġurnata', dan minħabba li uffiċjal tas-saħħa ta' parir lil Granmastru li ilma qiegħed u ikkontaminat f'dawn il-bjar kien ta' periklu għas-saħħa tal-poplu. Il-bjar kienu qed jiġu magħluqa minħabba anki xi kontaminazzjoni mill-arja'. Dan kien ġara fi żmien l-Granmastru Perellos li kien bniedem strett fit-tmexxija' tiegħu u ta' dixxiplina' kbira'. Bejn 1712 u 1885 fl-arikivji parrokjali f'Ħal-Qormi nsibu 26 mewt, ħafna minnhom tfal kawża li għerqu fil-bjar. In-nies tal-post kienu jsofru minn dawn in-nuqqasijiet anki minħabba li kienu fil-viċinanzi tal-Marsa fejn ammont ta' ilma' qiegħed kien fil-post. Fl- 1650, l-ospidallieri bagħtu kummissjoni biex jinvestigaw li ċertu ilma mill-widien jibqa' nieżel fil-baħar minflok jidħol ġor-raħal. Nistgħu ngħidu li qamet kontroversja' sħiħa u l-affarijiet damu ħafna biex solvew ruħhom. Fil-fatt wara l-1722 kien hemm inizjattivi li tibda' tinħadem l-art biex jitnaqqsu l-ammontijiet ta' ilma li kien hemm fil-Marsa. Fi żmien il-Gran Mastru De Rohan fl- 1793 intbagħtet kumissjoni minħabba' li kien hemm infezzjonijiet

li jikkawżaw mard għal erbgħin ġurnata. Il-'Protomedico' Lorenzo Theij ħareġ bir-rapport tiegħu fejn qal li dawn kienu infezzjonijiet normali li jiġru fis-sajf u l-ħarifa'. Waħda mill-kawżi prinċipali kienu l-irwejjaħ li kien iffermentaw mill-ilma' qiegħed fil-Marsa. L-istess kumissjoni qalet li r-raħħala kellhom metodi strambi dwar affarijiet sanitarji bażiċi. Ir-rapport qal li l-annimali kellhom jindifnu f'postijiet apposta u l-knejjes kellhom jġu disinfettai kuljum bil-ħall.

Kienu qamu dubji u kontroversja sħiħa fl- 1592 meta faqqgħet l-pesta. Pietro Parisi li kiteb dwar dan qal li t-tobba ma qablux bejniethom u kien hemm id-dubju jekk verament kinitx faqqet l-pesta', biss wara ftit żmien id-dubju telaq u qamet ċertu biża' mhux fir-raħal biss iżda anki fuq l-pajjiż. Ħal-Qormi intlaqat ħafna bil-pesta' tal- 1675-76 fejn 24 raġel mietu b'aktar nisa u tfal tilfu ħajjithom. Fost l-vittmi jissemew nies reliġjużi ukoll bħal qassisin, din kienet l-iktar pesta' serjissima waqt l-ordni. Ħal-Qormi soffra ukoll apparti mill-pesta' minn mard bħal malaria, cholera, diphetria. Ħal-Qormi kien fil-viċinanzi tal-Port il-Kbir u ħafna affarijiet li kienu jiġu bil-baħar kienu jitpoġġew f' dan r-raħal, aktarx ġieli dawn kienu jkunu infettati bil-pesta' jew b'xi mard ieħor. Francis Zammit ('Artium et Medicinae'), Dr. Claudius Kemmunet, Dr. Joseph Vella, Dr. Lawrence Gatt, Dr. Emmanuel Micallef. Dawn l-ismijiet nsibuhom fl-arkivji parrokkjali. Fl-aspett tas-saħħa dak iż-żmien daħal ukoll ir-reliġjon, Santu Rokku kien wieħed mill-protteturi tal-pesta', dan jissema' ukoll waqt iż-żjara' li għamel Dusina' fir-raħal. Hemm tradizzjoni antika' ukoll dwar San Bastjan li kien ukoll prottetur tal-pesta'. Fil-fatt kien hawn kappelli iddedikati għal dawn il-qaddisin. Ma kienx faċli għall-ordni li jsolvu din l-kobba mħabbla li sofra l-pajjiż u dan ir-raħal. Dan minħabba li l-poplu kien ibati minn nuqqas ta' edukazzjoni u ftit li xejn kienet ingħatat importanza lis-saħħa qabel il-kavallieri.

Nagħlaq l-artiklu tiegħi billi ngħid grazzi kbira għal dawk li jaħdmu b'riżq l-festa' li apparti li jagħtu gost lilna l-Maltin fejn nuru dak li jagħmilna aħna. Il-festi huma parti integrali mill-kultura' tagħna u nagħtu gost u nuru l-identita' tagħna lit-turisti. Nawgura l-festa' t-tajba' lil kulħadd.

**Referenzi**


- Mill-Istorja ta' Ħal-Qormi, l-ewwel volum, Joseph F. Grima, Publikazzjoni Kunsill Lokali Qormi, Malta 2001
- Qormi 1530-1798 side lights on it's social History, Goerge Abela, unpublished B.A. Gen. Dissertation
- Della Descrittione di Malta, Gian Francesco Abela, Malta 1647
- Dell'Istoria della Sacra Religione et Illustrissima Militia di San Giovanni Gerosolmitano, G. Bosio, 3rd edition, Rome 1684
- Medical History of Malta, P.Cassar, London 1964




*Pavaljun tal-gallarija mżanżan fil-festa tas-Sena l-oħra. Dan inħjiet minn Stefan Duca u l-pittura ta' San Sebastjan saret minn Stephen Borg.*